

31999R0083

14.1.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 8/17

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 83/1999**tat-13 ta' Jannar 1999****li jemenda l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1068/97⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi, skond l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, il-Gvern Franċiż talab illi l-isem 'Ossau-Iraty Brebis-Pyrénées', irreġistrat bħala isem ta' l-oriġini protett bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1549/98, għandu jinbidel għal 'Ossau-Iraty';

Billi eżami tat-talba għall-emenda wera illi din hija emenda minuri; billi dan huwa hekk għaliex, minkejja emenda għal isem irreġistrat, li fil-prinċipju għandha tiġi kkunsidrata emenda maġġuri, din ma taffettwax il-jeddijiet tal-pussessuri ta' l-isem fil-kwistjoni; billi, barra minn hekk, l-emenda ma taffettwax il-jeddijiet ta' produttori oħra;

Billi, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, il-Kummissjoni ddeċidiet fid-Deċiżjoni tagħha ta' l-20 ta' Marzu 1998 li ma tapplikax il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 għaliex dan kien każ ta' emenda minuri;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Jannar 1999.

Billi ġie wkoll konkluż illi din hija emenda skond ir-Regolament (KEE) Nru 2081/92; billi, għalhekk, il-bdil ta' l-isem 'Ossau-Iraty Brebis-Pyrénées' għal 'Ossau-Iraty' għandu jiġi rreġistrat u l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1107/96 għandu jiġi emendat akkont;

Billi, skond l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, l-emenda fl-isem 'Ossau-Iraty Brebis-Pyrénées' għal 'Ossau-Iraty' għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1107/96, l-isem ta' l-oriġini protett 'Ossau-Iraty Brebis-Pyrénées' huwa hawnhekk mibdul bi' 'Ossau-Iraty'.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU 208, ta' l-24.7.1992, pġ. 1.

⁽²⁾ ĠU 156, tat-13.6.1997, pġ. 10.

⁽³⁾ ĠU 148, tal-21.6.1996, pġ. 1.